SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

7 ta' Lulju 2009 *

Werrej

I — Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . . . I - 5742

II — Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja . . . . . I - 5745

III — Il-proċedura prekontenzjuża . . . . . I - 5745

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 5747

A — L-ammonti ta' għajnuna msemmija fir-rikors . . . . . I - 5747

B — L-indikazzjonijiet bil-miktub mogħtija bħala tweġiba għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 5748

V — Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu . . . . . I - 5752

A — Fuq is-suġġett tar-rikors . . . . . I - 5752

B — Fuq l-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja . . . . . I - 5752

1. L-argumenti tal-partijiet . . . . . I - 5752

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 5756

VI — Dwar is-sanzjonijiet pekunjarji . . . . . I - 5758

A — Fuq it-talba għal pagamenti ta' penalità . . . . . I - 5758

1. L-argumenti tal-partijiet . . . . . I - 5758

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 5759

a) Osservazzjonijiet preliminari . . . . . I - 5759

b) Fuq il-persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu . . . . . I - 5760

c) Fuq l-għażla ta' mezz ieħor li mhuwiex dak ta' rimbors fi flus . . . . . I - 5761

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

d) Fuq l-oneru tal-prova . . . . . I - 5763

e) Fuq l-ammont ta' għajnuna kkostitwit mill-injezzjoni ta' kapital . . . . I - 5765

f) Fuq l-ammont ta' għajnuna li jikkonċerna t-taxxa magħrufa bħala "spatosimo" . . . . . I - 5766

g) Fuq l-ammont ta' għajnuna relatat mal-kirjiet ajruportwali . . . . . I - 5768

h) Konklużjoni . . . . . I - 5770

B — Fuq l-ammont tal-pagamenti ta' penalità . . . . . I - 5771

1. Osservazzjonijiet preliminari . . . . . I - 5771

2. Fuq it-tul tal-ksur . . . . . I - 5772

3. Fuq il-gravità tal-ksur . . . . . I - 5773

4. Fuq il-kapaċità ta' pagament tal-Istat konvenut . . . . . I - 5774

5. Konklużjoni . . . . . I - 5774

6. Fuq id-data ta' effett u ta' perjodiċità tal-pagamenti ta' penalità . . . . . I - 5774

C — Fuq l-impożizzjoni kumulattiva ta' pagamenti ta' penalità u ta' somma f'daqqa I - 5775

1. L-argumenti tal-partijiet . . . . . I - 5775

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 5778

a) Fuq il-kumulu taż-żewġ sanzjonijiet . . . . . I - 5778

b) Fuq ir-rilevanza tal-impożizzjoni tas-somma f'daqqa . . . . . I - 5779

c) Fuq l-ammont tas-somma f'daqqa . . . . . I - 5780

VII — Fuq l-ispejjeż . . . . . I - 5781

Fil-Kawża C-369/07,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 228 KE, ippreżentat fit-3 ta' Awwissu 2007,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn E. Righini kif ukoll minn I. Hadjiyiannis u D. Triantafyllou, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti

vs

Ir-Repubblika Ellenika, irrappreżentata minn A. Samoni-Rantou u P. Mylonopoulos, bħala aġenti, assistiti minn V. Christianos, u P. Anestis, dikigoroi,

konvenuta

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, P. Jann, C. W. A. Timmermans, A. Rosas, K. Lenaerts u T. von Danwitz, Presidenti tal-Awla, A. Tizzano u J. N. Cunha Rodrigues, R. Silva de Lapuerta (Relatur), K. Schiemann u A. Arabadjiev, C. Toader u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Novembru 2008,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Frar 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tikkonstata li, billi ma adottatx il-miżuri li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

(C-415/03, Ġabra p. I-3875), dwar in-nuqqas tar-Repubblika Ellenika milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/372/KE, tal-11 ta' Diċembru 2002, dwar l-għajnuna mogħtija mill-Greċja lil Olympic Airways (ĠU 2003, L 132, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-deċiżjoni u l-Artikolu 228 KE;

— tordna lir-Repubblika Ellenika tħallas lill-Kummissjoni l-pagamenti ta' penalità ta' EUR 53 611 għal kull jum ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata, mill-ġurnata meta s-sentenza tingħata f'din il-kawża sal-ġurnata meta din is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja tkun ġiet eżegwita;

— tordna lir-Repubblika Ellenika tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa, li l-ammont tagħha jirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' ammont għal kull jum ta' EUR 10 512 għal kull ġurnata ta' dewmien tal-ksur bejn il-jum meta ngħatat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, u d-data li fiha tingħata s-sentenza f'din il-kawża f'dak li jikkonċerna d-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun ikkonstatat li l-irkupru ikun effettivament seħħ, li tordna lir-Repubblika Ellenika li tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa, li l-ammont tagħha jirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' ammont għal kull jum ta' EUR 10 512 għal kull jum ta' dewmien, bejn id-data meta ngħatat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, u d-data tal-irkupru mir-Repubblika Ellenika tal-għajnuna ddikjarata illegali permezz skont id-deċiżjoni kkontestata, u

— li tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

I — Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Fil-11 ta' Diċembru 2002, il-Kummissjoni approvat id-deċiżjoni kkontestata li d-dispożittiv tagħha huwa miktub kif ġej:

"Artikolu 1

L-għajnuna għar-ristrutturazzjoni mogħtija mill-Greċja lil Olympic Airways taħt forma ta':

a) garanziji għal self magħmula lill-kumpannija sas-7 ta' Ottubru 1994, skont l-Artikolu 6 tal-Liġi Griega Nru 96/75 tas-26 ta' Ġunju 1975;

b) garanziji ġodda għal self li jammontaw għal USD 378 miljun għal self li kellu jiġi kkuntrattat qabel il-31 ta' Marzu 2001 għax-xiri ta' apparat ġdid u għall-investimenti neċessarji għar-rilokazzjoni ta' Olympic Airways fl-ajruport il-ġdid ta' Spata;

ċ) tnaqqis tad-dejn ta' [Olympic Airways] b'total ta' GRD 427 biljun;

d) konverżjoni ta' GRD 64 biljun mid-dejn tal-kumpannija f'kapital;

e) immissjoni [injezzjoni] ta' kapital ta' GRD 54 biljun, imnaqqas għal GRD 40.8 biljun, fi tliet pagamenti ta' GRD 19, 14 u 7.8 biljun fl-1995, 1998 u 1999, rispettivament

hija kkunsidrata bħala inkompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 87 (1) [KE], peress illi l-kundizzjonijiet segwenti, li taħthom ingħatat l-ewwel awtorizzazzjoni għal għajnuna, m'għadhomx iktar osservati:

a) l-implementazzjoni effettiva tal-pjan ta' ristrutturazzjoni bil-għan li tinkiseb il-vijabbiltà tal-kumpannija għal żmien twil;

b) l-osservanza ta' 24 impenn speċifiku marbuta mal-approvazzjoni ta' l-għajnuna, u

ċ) l-immonitorjar regolari ta' l-implementazzjoni tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni.

Artikolu 2

L-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Greċja taħt forma ta' tolleranza għan-nuqqas kontinwu tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, tal-VAT dovuta minn Olympic Aviation fuq il-karburanti u l-partijiet ta' bdil, tal-kirjiet dovuti lil diversi ajruporti, tat-tariffi ajruportwali dovuti lill-ajruport ta' Spata kif ukoll ajruporti oħra, tat-taxxa magħrufa bħala 'spatosimo' hija inkompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 3

1. Il-Greċja għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tirkupra, mingħand il-kumpannija benefiċjarja, l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 fl-ammont ta' GRD 14-il biljun (EUR 41 miljun), li hija inkompatibbli mat-Trattat, kif ukoll l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2, mogħtija lilha b'mod illegali.

2. L-irkupru ta' l-għajnuna għandu jsir mingħajr dewmien, konformement malproċeduri previsti fil-liġi nazzjonali sakemm dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati jinkludu l-interessi dovuti li jiddekorru mid-data li tkun ingħatat l-għajnuna sad-data li din tiġi rimborsata. L-interessi huma kkalkolati fuq il-bażi tar-rata ta' referenza użata sabiex tiġi kkalkolata l-għotja netta ekwivalenti għall-għajnuna reġjonali.

Artikolu 4

Il-Greċja għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati sabiex tikkonforma ma' din id-deċiżjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni stess.

[…]" [verżjoni mhux uffiċjali]

II — Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

3 Fl-24 ta' Settembru 2003, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 88(2) KE, ippreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Ellenika relatat mal-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

4 Fis-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet:

"Peress illi ma ħaditx il-miżuri kollha neċessarji, fit-terminu previst, għar-rimbors tal-għajnuna iddikjarata bħala illegali u inkompatibbli mas-suq komuni — b'esklużjoni ta' dawk li jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet magħmula lill-istituzzjoni nazzjonali tas-sigurtà soċjali —, konformement mal-Artikolu 3 tad-[d]eċiżjoni [kkontestata], ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmi Artikolu 3."

III — Il-proċedura prekontenzjuża

5 Fit-18 ta' Mejju 2005, il-Kummissjoni indirizzat lir-Repubblika Ellenika komunikazzjoni li fiha hija talbitha li tinformaha dwar il-miżuri meħuda sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

6 Fit-tweġiba tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2005, dan l-Istat Membru indika li l-miżuri ta' rkupru kellhom iseħħu fir-rigward ta' Olympic Airways u li l-proċeduri ta' rkupru kellhom jiġu konklużi madwar xi xahar wara permezz tal-bejgħ tal-assi u ta' ishma ta' Olympic Airways. Ir-Repubblika Ellenika ppreċiżat ukoll li l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' rkupru tal-għajnuna ta' EUR 41 miljun, imsemmija fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, kienet ġiet sospiża mit-tribunal amministrattiv ta' Ateni sakemm jiġi deċiż ir-rikors għal

annullament ippreżentat minn Olympic Airways kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej.

7 B'ittra tat-8 ta' Lulju 2005, ir-Repubblika Ellenika kkonfermat mill-ġdid li s-servizzi tal-gvern kienu fl-aħħar stadju tat-tfassil tal-proċedura ta' rkupru tal-għajnuna inkwistjoni.

8 B'ittra ta' intimazzjoni tat-18 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni għalhekk bdiet il-proċedura prevista fl-Artikolu 228 KE, għal nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

9 Bit-tweġiba tagħha tad-19 ta' Diċembru 2005, ir-Repubblika Ellenika informat lill-Kummissjoni li hija kienet qed tikkontesta din id-dikjarazzjoni li kienet tgħid li l-miżuri meħuda sabiex din is-sentenza tiġi implementata ma kinux ġew innotifikati. Hija ssostni li l-awtoritajiet nazzjonali kienu b'mod korrett irkupraw mingħajr dewmien l-għajnuna msemmija fid-deċiżjoni kkontestata.

10 Fl-4 ta' April 2006, il-Kummissjoni ttrażmettiet opinjoni motivata lir-Repubblika Ellenika, li ġiet innotifikata lil dan l-Istat Membru fl-10 ta' April 2006. Permezz ta' din l-opinjoni, il-Kummissjoni stiednet lir-Repubblika Ellenika sabiex tieħu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza inkwistjoni f'terminu ta' xahrejn minn meta tirċievi din l-opinjoni motivata. Fiha ġie ppreċiżat ukoll li, jekk il-Kummissjoni kellha tressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 228 KE, hija kienet ser tindika l-ammonti tal-pagamenti ta' penalità u tas-somma f'daqqa.

11 Ir-Repubblika Ellenika wieġbet għal din l-opinjoni motivata permezz ta' ittra tad-9 ta' Ġunju 2006, fejn tenniet l-indikazzjonijiet ipprovduti fl-ittri preċedenti. Barra minn hekk hija rrilevat l-eżistenza ta' rikors amministrattiv ippreżentat minn Olympic Airways u allegat id-diffikultajiet sabiex jitwettqu xi proċeduri nazzjonali ta' rkupru tal-għajnuna inkwistjoni.

12 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

13 B'sentenza tat-12 ta' Settembru 2007, Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni (T-68/03, Ġabra p. II-2911), il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat l-Artikoli 2 u 3 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dawn jirrigwardaw it-tolleranza fir-rigward tal-persistenza tan-nuqqas ta' ħlas, minn naħa, tat-tariffi ajruportwali dovuti minn Olympic Airways lill-ajruport internazzjonali ta' Ateni u, min-naħa l-oħra, tat-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta mill-impriża Olympic Aviation fuq il-karburanti u l-partijiet ta' bdil. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

A — *L-ammonti ta' għajnuna msemmija fir-rikors*

14 Il-Kummissjoni, fir-replika tagħha, ippreċiżat li, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, kien għad fadal li jiġu rkuprati l-ammonti ta' għajnuna li ġejjin, mingħajr interessi:

— EUR 41 miljun, skont l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata;

— EUR 2.5 miljun għall-kirjiet dovuti għal ċerti ajruporti;

— EUR 61 miljun għat-taxxa magħrufa bħala "spatosimo", u

— EUR 28.9 għall-kumpens tad-djun bejn ir-Repubblika Ellenika u Olympic Airways jew bejn ċerti ajruporti u din l-impriża skont tariffi ajruportwali.

15 F'dak li jikkonċerna dan l-aħħar ammont ta' għajnuna, il-Kummissjoni, fi tweġiba tagħha tas-26 ta' Novembru 2008 għal mistoqsija bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Novembru 2008, ikkonfermat li s-somma ta' EUR 28.9 miljun, li tissemma fil-punt 209 tad-deċiżjoni kkontestata, ma kellhiex tiġi rkuprata, peress li din is-somma ma kinitx tikkostitwixxi minnha nfisha għajnuna mill-Istat.

B — *L-indikazzjonijiet bil-miktub mogħtija bħala tweġiba għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja*

16 Fl-20 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet, skont l-Artikolu 54a tar-Regoli tal-Proċedura, lir-Repubblika Ellenika sabiex tippreċiża, b'mod partikolari, b'liema metodi u fuq liema bażi legali, l-ammonti tal-għajnuna li kellhom jiġu rkuprati minn Olympic Airways skont l-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kkontestata kienu ġew ikkumpensati minn djun tal-Istat lejn din il-kumpannija.

17 Ir-Repubblika Ellenika wieġbet, fil-31 ta' Ottubru 2008, li ċertu numru ta' djun ta' Olympic Airways, inkluż l-ħlas lura tal-kapital imsemmi fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u tal-bilanċ tat-taxxa magħrufa bħala "spatosimo", kif ukoll fattura mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, ta' ammont ta' EUR 176 802, kienu ġew ikkumpensati permezz ta' kumpens għad-danni allokati lill-kumpannija permezz ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ. Il-kumpensi inkwistjoni kienu ngħataw lil din il-kumpannija permezz ta' tribunal ta' arbitraġġ ikkostitwit skont klawżola ta' arbitraġġ prevista mill-Artikolu 27 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 3560/1956 dwar il-validazzjoni tal-kuntratt konkluż bejn Aristote Onasis u l-Istat.

18 Ir-Repubblika Ellenika indikat li l-ewwel deċiżjoni ta' arbitraġġ 57/2006, tas-6 ta' Diċembru 2006, dwar l-ewwel rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2006 (iktar 'il

quddiem “id-deċiżjoni ta’ arbitraġġ tas-6 ta’ Diċembru 2006”), allokat lil Olympic Airways il-kumpensi li ġejjin:

— EUR 37 051 392 għall-espulsjoni prematura mill-ajruport ta’ Elliniko;

— EUR 17 996 655 minħabba t-trasferiment għall-ajruport il-ġdid;

— EUR 75 615 756 għad-dannu subit minħabba l-kostruzzjoni tal-bini fl-ajruport internazzjonali ta’ Ateni;

— EUR 1 375 707 għad-dannu subit minħabba dewmien ta’ kostruzzjoni tal-bini tal-ajruport internazzjonali ta’ Ateni, bil-konsegwenza li Olympic Airways kienet ġiet obbligata li tuża l-bini tal-ajruport ta’ Elliniko u li tiżgura l-manutenzjoni tiegħu;

— EUR 183 300 000 għall-ispejjeż supplimentari ta’ funzjonament tal-ajruport internazzjonali ta’ Ateni, mid-29 ta’ Marzu 2001 sal-31 ta’ Diċembru 2005, meta pparagunati ma’ dawk tal-ajruport ta’ Elliniko;

— EUR 88 026 000 għad-danni speċjali ta’ funzjonament minħabba dewmien akbar fl-ajruport internazzjonali ta’ Ateni, meta pparagunat mal-ajruport il-qadim, mid-29 ta’ Marzu 2001 sal-31 ta’ Diċembru 2005;

— EUR 3 753 472 minħabba l-obbligu li jiġu koperti l-ispejjeż marbuta mat-taxxa tal-awtostrada li hija obbligatorjament utilizzata sabiex jintlaħaq l-ajruport ta' Spata permezz tat-triq Attiki, u

— EUR 250 000 000 għal fondi mhux użati.

19 Skont ir-Repubblika Ellenika, din l-ewwel deċiżjoni ta' arbitraġġ kienet ikkalkolat l-ammont totali tad-dannu subit minn Olympic Airways li kellu jiġi kkumpensat għal EUR 657 118 982. Wara ċertu numru ta' korrezzjonijiet, l-ammont tal-kumpensi kien tela' għal EUR 563 896 458, bl-interessi legali.

20 Ir-Repubblika Ellenika ssostni li, sussegwentement, saru kumpensi tal-ammonti allokati lil Olympic Airways fil-konfront tad-djun tagħha fir-rigward tal-Istat. Fost dawn il-kumpensi kien hemm ir-rimbors tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll il-pagament tal-bilanċ tat-taxxa magħrufa bħala "spatosimo" u tad-dejn ta' EUR 176 802 li jikkonċerna l-fattura tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili msemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni.

21 Ir-Repubblika Ellenika żżid tgħid li, sa mix-xahar ta' Awwissu 2007, ċertu numru ta' ordnijiet għal pagament favur Olympic Airways kienu nħarġu mill-Istat fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ mogħtija favur tagħha. Dawn il-fondi ma setgħux jitħallsu lill-kumpannija minħabba l-eżistenza ta' djun tagħha, li jinkludu l-ammonti ta' għajnuna msemmija iktar 'il fuq. Il-kumpens tad-djun tal-kumpannija mal-ammonti li kellhom jitħallsu lilha kienu kkostitwixxew obbligu legali fuq l-awtoritajiet fiskali. L-ewwel ordni għal pagament kien biżżejjed sabiex jitħallas totalment il-bilanċ tad-djun tal-kumpannija skont id-deċiżjoni kkontestata (ta' ammont totali ta' madwar EUR 120 miljun, interessi inklużi).

22 Ir-Repubblika Ellenika tirrileva li l-ewwel ordni għal pagament, li jirrigwarda l-kumpensi allokati permezz tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ tas-6 ta' Diċembru 2006, kien id-dokument 2516/31.8.2007 għal ammont ta' EUR 601 289 003. Dan l-ammont kien irriżulta mill-addizzjoni tal-interessi legali u mit-tnaqqis mill-ammont totali ta' EUR 612 839 581 ta' ammont ta' EUR 11 550 877.

23 Ir-Repubblika Ellenika osservat li l-operazzjonijiet differenti ta' kumpens kienu seħħew permezz tal-opinjonijiet ta' kontabbiltà li ġejjin:

— 2922 DOY/FAVE, dwar ir-rimbors (bl-interessi) taż-żieda fil-kapital (Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata) permezz ta' kumpens bi frazzjoni ekwivalenti għall-ordni għal pagament 2516/31.8.2007, dwar ammont ta' EUR 601 289 003;

— 2927 sa 2933 u 2940 DOY/FAVE, dwar il-ħlas (bl-interessi) tal-ammonti skont it-taxxa magħrufa bħala "spatosimo" (Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata), bħala kumpens ma' frazzjoni ekwivalenti tal-ordni għal pagament 2516/31.8.2007, u

— 2926 DOY/FAVE dwar il-ħlas tal-kera dovuta lill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, ta' ammont ta' EUR 176 802 (fattura Nru 3307/98), bħala kumpens ma' frazzjoni ekwivalenti tal-ordni għal pagament 2516/31.8.2007.

V — Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

A — *Fuq is-suġġett tar-rikors*

24 L-ewwel nett għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u b'kunsiderazzjoni tal-indikazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni dwar l-ammont ta' għajnuna msemmija fil-punt 209 tad-deċiżjoni kkontestata, il-kawża bejn il-partijiet tirrigwarda wkoll l-eżekuzzjoni tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata (kontribuzzjoni ta' kapital), kif ukoll l-implementazzjoni ta' tnejn mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri r-rimbors tat-taxxa magħrufa bħala "spatosimo" u l-kirjiet dovuti lil ċerti ajruporti.

B — *Fuq l-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja*

1. L-argumenti tal-partijiet

25 Il-Kummissjoni tirrileva li r-Repubblika Ellenika ma ħaditx il-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

26 Il-Kummissjoni tfakkar li l-unika eċċezzjoni li għandu Stat Membru li ma jkunx irkupra xi għajnuna illegali hija dik ibbażata fuq impossibbiltà assoluta li tiġi implementata d-deċiżjoni ta' rkupru ta' din l-għajnuna u li Stat Membru li, matul l-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni, jiltaqa ma' diffikultajiet imprevisti u imprevedibbli għandu l-obbligu li jressaq dawn il-problemi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni.

27 Hija ssostni li r-Repubblika Ellenika qatt ma invokat impossibbiltà assoluta li l-għajnuna inkwistjoni tiġi rkuprata, iżda unikament diffikultajiet legali u prattiċi. Madankollu, jekk huwa veru li l-irkupru għandu jseħħ skont proċeduri previsti mid-dritt nazzjonali, l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni inkwistjoni għandha tiġi żgurata. Fil-fatt, mhuwiex biżżejjed li tinbeda proċedura ta' rkupru, iżda din il-proċedura għandha twassal għal riżultati konkreti.

28 Il-Kummissjoni tikkonstata, fir-replika tagħha, li hija ġiet informata b'operazzjoni ta' ħlas lura tal-għajnuna inkwistjoni għall-ewwel darba permezz tar-risposta tar-Repubblika Ellenika, ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Ottubru 2007. Dan l-Istat Membru qatt ma kien allega qabel li kien irkupra din l-għajnuna. L-uniċi azzjonijiet ikkomunikati lill-Kummissjoni kienu kwantifikazzjonijiet preliminari ta' ċerti kategoriji ta' għajnuna u r-reġistrazzjoni tagħhom bħala djun lejn l-Istat.

29 Peress illi ebda spjegazzjoni ma kienet ġiet ipprovduta lilha f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tiddikjara li ma tistax taċċetta la l-kalkoli tal-ammonti allegatament imħallsa u lanqas il-provi prodotti mir-Repubblika Ellenika dwar l-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni.

30 Fil-fatt, id-dokumenti prodotti sabiex jiġi stabbilit l-irkupru kemm tat-taxxa magħrufa bħala "spatosimo" kif ukoll xi kirjiet ajruportwali kienu kkonsistew f'dikjarazzjoni tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tat-2 ta' Ottubru 2007, li tgħid li dawn id-djun "kienu ġew irregolati, ikkumpensati u trażmessi lill-awtoritajiet fiskali kompetenti sabiex jiġu kkonstatati u rkuprati, skont il-kodiċi ta' rkupru tad-dħul ta' finanzi tal-Istat."

31 Madankollu, fil-fehma tal-Kummissjoni, tali dokument ma jistax jikkostitwixxi prova ta' rimbors skont l-osservanza tar-regoli kollha. F'kull każ, il-konvenuta ma kinitx ippreżentat dokumenti ġustifikattivi konkreti dwar movimenti ta' kontabbiltà ta' natura li jikkonfermaw li l-ammonti inkwistjoni kienu ġew effettivament imħallsa. Id-dokumentazzjoni li kienet ġiet mehmuża mat-tweġiba tar-Repubblika Ellenika mal-opinjoni

motivata wkoll ma kellhiex indikazzjonijiet biżżejjed preċiżi dwar l-irkupru effettiv tal-ammonti ta' għajnuna differenti.

32 Il-Kummissjoni tindika li l-awtoritajiet nazzjonali pprovdulha ulterjorment kopji ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ, iżda mingħajr dokumenti insostenn tagħhom jew spjegazzjonijiet li jikkonċernaw il-mod kif l-ammonti allokati lil Olympic Airways kienu ġew stabbiliti. Wieħed jista', għaldaqstant, jistaqsi sa fejn l-għoti ta' kumpensi jista' realment ikun marbut mal-obbligi tal-Istat lejn din il-kumpannija fir-rigward tal-operat tal-ajruport il-qadim ta' Ateni.

33 Il-Kummissjoni tqajjem wkoll dubji dwar ir-regolarità tal-irkupru invokat. Fil-fatt, id-dokumenti prodotti mill-konvenuta jsemmu kemm ħlas tad-dejn kif ukoll kumpens ta' self/djun. Indipendentement mill-fatt li kumpens eventwali seħħ biss fix-xahar ta' Ottubru 2007, l-awtoritajiet nazzjonali ma wrewx fuq liema bażi legali l-Istat kien debitur ta' Olympic Airways.

34 Fil-fehma tal-Kummissjoni, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tammetti li l-irkupru tal-ammonti tal-għajnuna seħħ, Olympic Airways ma kinitx fil-pożizzjoni li tirrimborsa l-ammonti inkwistjoni mingħajr injezzjoni ta' sussidji ġodda.

35 Ir-Repubblika Ellenika tallega li l-ammonti ta' għajnuna kollha kienu ġew irkuprati bejn ix-xhur ta' Awwissu u ta' Settembru 2007. It-total tal-kumpensi, li kienu ġew allokati lil Olympic Airways minn tribunal ta' arbitraġġ, kien ġie kkumpensat bl-arretrati ta' djun ta' din il-kumpannija fil-konfront tal-Istat. Fost dawn id-djun, li kienu ntemmew permezz ta' kumpens, kien hemm il-bilanċ tal-arretrati tal-għajnuna msemmija mid-deċiżjoni kkontestata.

36 Ir-Repubblika Ellenika żżid tgħid li hija kienet informat lill-Kummissjoni sa mix-xahar ta' Marzu 2006 li Olympic Airways kienet ippreżentat rikors għal kumpens kontra l-Istat quddiem it-tribunal ta' arbitraġġ u li hija kienet bagħtet, għal informazzjoni, kopji tad-deċiżjonijiet mogħtija lill-Kummissjoni fid-29 ta' Jannar 2008.

37 Ir-Repubblika Ellenika ssostni li hija informat lill-Kummissjoni bl-iżvilupp tal-proċeduri implementati sabiex jiġu rkuprati l-ammonti inkwistjoni. Minkejja l-kumplessità tal-operazzjonijiet li kellhom jitwettqu, il-Kummissjoni ma kienet ipproponiet l-ebda għajnuna sabiex il-mistoqsijiet, li dwarhom l-Istat konvenut kien talab il-kooperazzjoni tagħha, jiġu risolti permezz ta' ftehim komuni, b'mod partikolari dawk relatati mad-determinazzjoni kwantitattiva tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati u l-metodi ta' ħlas lura *ratione temporis*.

38 Fir-rigward tal-ammont ta' EUR 41 miljun, li jinsab fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-Repubblika Ellenika tosserva li l-irkupru tiegħu seħħ fil-31 ta' Awwissu 2007, inklużi l-interessi dovuti fuqu.

39 Fir-rigward tat-taxxa magħrufa bħala "spatosimo", ir-Repubblika Ellenika tosserva li parti sinjifikattiva ta' din it-taxxa kienet ġiet irregolata qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri somma ta' EUR 22 806 159. Il-provi dwar dan il-pagament kienu diġà ġew trażmessi lill-Kummissjoni matul is-sena 2003. Il-bilanċ ta' dan id-dejn, jiġifieri ammont ta' EUR 38 192 997 kien ġie kkonstatat mill-awtoritajiet fiskali skont il-kodiċi ta' rkupru tad-dħul tal-finanzi tal-Istat. Din is-somma, li magħha jiżdiedu l-interessi ta' ammont ta' EUR 11 336 120, kienet ġiet irkuprata fit-18 ta' Ottubru 2007. Is-somma totali ta' din it-taxxa kienet b'hekk għoliet għal EUR 49 529 117.

40 Ir-Repubblika Ellenika tosserva li, fuq l-ammont ta' għajnuna skont il-kirjiet (EUR 2 472 719), somma ta' EUR 1 818 027 kienet ġiet imħallsa minn Olympic Airways fl-2006, u l-bilanċ tad-dejn kien ġie rrimborsat fl-2007.

41 Ir-Repubblika Ellenika żżid tgħid li l-miżuri ta' rimbors relatati mal-ammonti msemmija mid-deċiżjoni kkontestata bl-ebda mod ma jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat ġdida u li dawn l-operazzjonijiet, f'kull ipoteżi, bl-ebda mod ma jistgħu jkunu s-suġġett ta' din il-kawża.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

42 Sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-Repubblika Ellennika adottatx il-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, hemm lok li jiġi verifikat jekk l-ammonti ta' għajnuna li għadhom is-suġġett tal-kawża kinux tħallsu lura mill-impriża benefiċjarja.

43 Fir-rigward tat-terminu li fih din is-sentenza għandha tiġi eżegwita, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-data ta' referenza għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 228 KE hija dik ta' meta jagħlaq it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata maħruġa skont din id-dispożizzjoni (ara s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, C-304/02, Ġabra p. I-6263, punt 30; tat-18 ta' Lulju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-119/04, Ġabra p. I-6885, punt 27, u tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-503/04, Ġabra p. I-6153, punt 19).

44 F'dan il-każ, huwa paċifiku li, fil-mument tal-iskadenza tat-terminu mogħti fl-opinjoni motivata, jiġifieri fl-10 ta' Ġunju 2006, il-konvenuta ma kinitx implementat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

45 Fir-rigward għat-tweġiba għall-opinjoni motivata li fiha r-Repubblika Ellenika ħabbret miżuri intiżi għall-irkupru tal-ammonti ta' għajnuna differenti, filwaqt li sostniet l-eżistenza ta' rikors amministrattiv ippreżentat minn Olympic Airways kif ukoll semmiet id-diffikultajiet relatati mal-kwantifikazzjoni tas-somom li għandhom jitħallsu lura kif ukoll metodi kumplessi ta' rimbors, huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, Stat Membru ma jistax jeċċepixxi dispożizzjonijiet, prattiċi jew sitwazzjonijiet tas-sistema legali interna tiegħu sabiex jiġġustifika n-nonosservanza tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt Komunitarju (ara s-sentenzi

Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar ’il fuq, punt 38, u tal-10 ta’ Jannar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-70/06, Ġabra p. I-1, punt 22).

46 Minbarra dan, ma jistax jiġi milqugħ l-argument tar-Repubblika Ellenika li l-proċedura ta’ rkupru kienet ġiet ostakolata minħabba n-nuqqas ta’ kollaborazzjoni tal-Kummissjoni.

47 Fil-fatt, l-ammonti differenti ta’ għajnuna li għandhom jiġu rkuprati jirriżultaw bi preċiżjoni suffiċjenti, minn naħa, mill-Artikoli 1 sa 3 tad-deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, mill-Premessi 206 sa 208 ta’ din id-deċiżjoni.

48 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ebda dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju ma teżiġi li l-Kummissjoni, meta tordna l-ħlas lura ta’ għajnuna li tkun ġiet iddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni, tistabbilixxi l-ammont eżatt li għandu jitħallas lura u li huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi indikazzjonijiet li jippermettu lid-destinatarju tagħha jkun jista’ jiddetermina huwa stess, mingħajr diffikultajiet eċċessivi, dan l-ammont (ara s-sentenzi tat-12 ta’ Ottubru 2000, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-480/98, Ġabra p. I-8717, punt 25, u tat-18 ta’ Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Franza, C-441/06, Ġabra p. I-8887, punt 29).

49 F’dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni setgħet tillimita ruħha li tinsisti fuq l-osservanza tal-obbligu ta’ ħlas lura tal-ammonti ta’ għajnuna inkwistjoni u tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jieħdu ħsieb li jikkalkolaw l-ammont preċiż tas-somom li għandhom jiġu rkuprati, inklużi l-interessi li għandhom jitħallsu fuq is-somom dovuti (ara s-sentenzi Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar ’il fuq, punt 26, u tal-14 ta’ Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Greċja, C-419/06, punt 46).

50 Għandu jiġi konkluż li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228(1) KE.

VI — Dwar is-sanzjonijiet pekunjarji

51 Il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità u ta' ħlas ta' somma f'daqqa jirriżultaw mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC(2005) 1658, tat-13 ta' Diċembru 2005 (ĠU 2007, C 126, p. 15).

A — *Fuq it-talba għal pagamenti ta' penalità*

1. L-argumenti tal-partijiet

52 Il-Kummissjoni tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li timponi fuq ir-Repubblika Ellenika pagamenti ta' penalità ta' EUR 53 611 għal kull jum ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, mid-data meta tingħata s-sentenza għal intervent f'din il-kawża sal-jum meta jintemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat.

53 Il-Kummissjoni tikkunsidra li tali pagamenti ta' penalità huma adegwati għall-gravità u t-tul tal-ksur, u jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jingħata effett impożittiv u dissważiv. Sabiex tiġi ddeterminata l-gravità tal-ksur, koeffiċjent ta' 12 kien ġie applikat, u dan fid-dawl tal-importanza tad-dispożizzjonijiet Komunitarji li kienu ġew miksura u tal-effetti ta' dan il-ksur fuq l-interessi ġenerali u partikolari.

54 Il-Kummissjoni tindika li t-tul tal-ksur sal-mument tal-preżentata tar-rikors kien ta' 17-il xahar. Madankollu hija tieħu inkunsiderazzjoni biss it-tul attwali tal-ksur sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, biex b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tieħu inkunsiderazzjoni t-tul l-iktar twil tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

55 Fir-rigward tal-ammont tal-pagamenti tal-penalità li għandhom jiġu imposti, il-Kummissjoni tippreċiża li, jekk kellha tiġi mmultiplikata s-somma f'daqqa bażika uniformi stabbilita għal EUR 600 bil-koeffiċjent ta' 12 relatat mal-gravità tal-ksur, bil-koeffiċjent 1.7 relatat matul, jiġifieri 0.1 fix-xahar, u bil-koeffiċjent 4.38 (fattur *n*) li jieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċità finanzjarja tal-Istat konvenut, tirriżulta somma ta 53 611.

56 Ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li t-total tal-għajnuna li għandha tiġi soġġetta għal ħlas lura kienet ġiet irkuprata f'terminu raġonevoli, peress li t-talbiet dwar l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità u ta' ħlas ta' somma f'daqqa huma mingħajr għan.

57 Hija tirrileva li, f'kull ipoteżi, l-ammont tal-pagamenti ta' penalità proposti huwa sproporzjonat u għandu jitnaqqas sa fejn xieraq, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-Repubblika Ellenika ma eżegwietx għal kollox is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Osservazzjonijiet preliminari

58 Peress li kkonstatat li r-Repubblika Ellenika ma kkonformatx ruħha fit-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata, mas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 228(2) KE timponi fuq dan l-Istat Membru l-pagamenti ta' penalità jew ta' somma f'daqqa.

59 Fir-rigward tal-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din is-sanzjoni bħala prinċipju hija ġġustifikata biss fil-każ ta' kontinwazzjoni tan-

nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bbażat fuq in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza preċedenti sal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 40).

60 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk dan huwiex l-każ.

b) Fuq il-persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

61 Sabiex jiġi ddeterminat jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li huwa akkużat fil-konfront tal-konvenuta baqa' għaddej sal-eżami tal-fatti tal-każ mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom jiġu evalwati l-miżuri li, skont l-Istat konvenut, ġew adottati sussegwentement għat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata.

62 Ir-Repubblika Ellenika tallega, f'dan ir-rigward, li l-irkupru tal-ammonti tal-għajnuna inkwistjoni seħħ permezz ta' kumpens tad-djun u tat-talbiet reċiproċi bejn Olympic Airways u l-Istat.

63 Sabiex jintwera li l-ammonti ta' għajnuna kienu tħallsu lura permezz ta' tali operazzjoni, ir-Repubblika Ellenika ppreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja sensiela ta' attestazzjonijiet u ta' dikjarazzjonijiet, b'mod partikolari d-dokumenti li ġejjin:

— anness B. 11 tar-risposta tar-Repubblika Ellenika (attestazzjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi tat-18 ta' Ottubru 2007 dwar il-ħlas ta' djun ikkonstatati ta' Olympic Airways);

— anness 2 tar-risposta tar-Repubblika Ellenika (li tiġġustifika s-sitwazzjoni dwar id-djun lejn l-Istat tal-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi fid-29 ta' Jannar 2008);

— anness E. 1 tat-tweġiba għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja (nota tal-31 ta' Ottubru 2008 dwar il-ħlas tad-djun, miktuba minn dan il-Ministeru għall-attenzjoni ta' Olympic Airways);

— anness E. 6, dokument Nru 16, tal-istess tweġiba (attestazzjoni ta' dan il-Ministeru tas-27 ta' Awwissu 2007 dwar it-tnaqqis ta' somom relatati mal-ordnijiet għal pagament), u

— għaxar opinjonijiet ta' kontabbiltà tat-30 ta' Marzu 2006 u tal-31 ta' Awwissu 2007, imsemmija f'din it-tweġiba u intitolati "pagamenti li jitqiesu li jikkumpensaw lil xulxin".

64 F'dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi ddeterminat, l-ewwel nett, jekk il-kumpens jistax jikkostitwixxi motiv adegwat sabiex jagħti lok għal obbligu ta' rimbors ta' għajnuna mill-Istat u, fl-affermattiv, it-tieni nett, jekk f'din il-kawża tali kumpens kienx effettivament sar.

c) Fuq l-għażla ta' mezz ieħor li mhuwiex dak ta' rimbors fi flus

65 Fir-rigward tal-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/199, tat-

22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339) jipprovdi li l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat iseħħ mingħajr dewmien u skont il-proċeduri previsti mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, bil-kundizzjoni li dawn il-proċeduri jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

66 Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-209/00, Ġabra p. I-11695, punt 32) ippreċiżat li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet Komunitarji dwar il-proċedura ta' rkupru ta' ammonti ta' għajnuna indebitament imħallsa, l-irkupru ta' tali għajnuna finanzjarja għandu jseħħ, bħala prinċipju, skont il-metodi previsti bid-dritt nazzjonali.

67 Konsegwentement, Stat Membru li, skont deċiżjoni tal-Kummissjoni, isib ruħu obbligat li jirkupra għajnuna illegali huwa liberu li jagħżel mezzi li permezz tagħhom huwa jwettaq dan l-obbligu, sakemm il-miżuri magħżula ma jikkawżawx dannu għall-portata u għall-effettività tad-dritt Komunitarju (ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

68 Bħala prinċipju, jirriżulta li operazzjoni ta' kumpens, sa fejn hija prevista mis-sistema legali nazzjonali bħala mekkaniżmu ta' estinzjoni ta' obbligu, tista' tikkostitwixxi mezz adegwat li jippermetti li jsir l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat.

69 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ellenika sostniet li tali mekkaniżmu ġuridiku jagħmel parti mid-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ċivili Grieg.

70 F'dak li jikkonċerna l-bażi materjali tal-kumpens allegat, il-konvenuta, bħala tweġiba għal mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, ġiet ippreżentatilha kopja tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ tas-6 ta' Diċembru 2006 li tipprovdi li l-Istat ġie kkundannat iħallas ċerta numru ta' kumpensi lil Olympic Airways.

71 Jirriżulta minn din id-deċiżjoni li t-tribunal ta' arbitraġġ innota b'mod partikolari li Olympic Airways kienet sostniet danni finanzjarji minħabba l-espulsjoni prematura tagħha mill-ajruport ta' Elliniko, ir-rilokazzjoni obbligatorja lejn l-ajruport ġdid ta' Spata, il-kostruzzjoni ta' bini f'dan l-ajruport, l-ispejjeż supplimentari u speċjali ta' funzjonament ta' dan l-ajruport kif ukoll in-nuqqas ta' użu ta' fondi.

72 Bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat, għandu għaldaqstant jiġi kkonstatat, għall-bżonnijiet ta' din il-proċedura, li r-Repubblika Ellenika wriet l-eżistenza ta' kreditu pagabbli lil Olympic Airways li kien jammonta għal EUR 601 289 003, somma li kienet nettament akbar mill-ammonti kollha ta' għajnuna inkwistjoni.

73 F'dawn il-kundizzjonijiet u fid-dawl tal-obbligu ta' rimbors stabbilit mid-deċiżjoni kkontestata u mis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, hemm lok li jiġi eżaminat jekk il-kumpens allegat kienx sar b'mod li l-obbligu msemmi iktar 'il fuq jiġi implementat.

d) Fuq l-oneru tal-prova

74 L-ewwel nett għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza, hija l-Kummissjoni, fil-kuntest ta' proċedura bbażata fuq l-Artikolu 228 KE, li għandha tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi neċessarji sabiex tiddetermina s-sitwazzjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-387/97, Ġabra p. I-5047, punt 73).

75 Peress li l-Kummissjoni, fil-proċedura msemmija iktar 'il fuq, ipprovdiet biżżejjed elementi li juru l-persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li dwaru huwa akkużat, huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jikkontesta din id-dikjarazzjoni b'mod sostanzjali u ddettaljat, kif ukoll li jipproduċi l-prova tal-waqfien tal-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56).

76 Fir-rigward tal-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni f'din il-kawża, għandu jiġi rrilevat li din, mhux biss matul il-proċedura bil-miktub, iżda wkoll waqt is-seduta, ċaħdet il-mekkaniżmu ta' kumpens magħżul. B'mod partikolari hija tenniet li l-miżuri kkomunikati mill-konvenuta kienu insuffiċjenti sabiex tintwera l-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

77 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni b'mod partikolari ppreċiżat, wara mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li, anki jekk jiġi presuppost li kumpens, bħala mekkaniżmu legali, jista', bħala prinċipju, jiġi aċċettat, il-mod kif il-kumpens allegat seħħ f'din il-kawża għandu jiġi miċħud.

78 Anki jekk l-ammonti ta' kumpens kienu ġew attribwiti ġustament mit-tribunal ta' arbitraġġ lil Olympic Airways, din għandu jkollha dokumentazzjoni dwar kumpens li juru li din l-operazzjoni effettivament twettqet. F'dan ir-rigward, dikjarazzjoni li tgħid li l-ammonti ta' għajnuna inkwistjoni ġew ikkumpensati hija insuffiċjenti.

79 F'dak li jikkonċerna l-kwalità tal-prova relatata mal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li teħtieġ l-irkupru ta' għajnuna mogħtija b'mod illegali, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta Stat Membru jirkupra din l-għajnuna permezz ta' mezz ieħor li mhuwiex il-pagament fi flus, huwa għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li permezz tagħha tkun tista' tivverifika li l-mezz magħżul jikkostitwixxi implementazzjoni adattata ta' din id-deċiżjoni (ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

80 Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-punt 43 ta' din is-sentenza, li, jekk l-Istat Membru jista' jirkupra għajnuna illegali mhux permezz ta' pagament fi flus, huwa għandu jagħmel mezz li l-miżuri magħżula minnu jkunu biżżejjed trasparenti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiżgura ruħha li dawn huma adattati sabiex jeliminaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata minn din l-għajnuna fir-rispett sħiħ tad-dritt Komunitarju.

81 Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid tgħid, fil-punti 57 u 58 ta' din is-sentenza, li tali miżuri għandhom ikollhom effett identiku għal dak li jikkonsisti f'rimbors permezz ta' trasferiment ta' fondi u li kull miżura adottata sabiex jiġi sodisfatt l-obbligu ta' rkupru ta' għajnuna mħallsa illegalment għandha tkun adattata sabiex tistabbilixxi mill-ġdid il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li kienu ġew distorti mill-għoti tal-għajnuna illegali, b'mod li tkun tista' tiġi identifikata bħala tali mill-Kummissjoni u l-persuni kkonċernati l-oħra.

82 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika jekk, permezz tad-dokumenti prodotti, ir-Repubblika Ellenika pproduċietx il-prova li hija implementat id-deċiżjoni kkontestata u s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, f'dak li jikkonċerna t-tliet kategoriji ta' għajnuna li għadhom is-suġġett tar-rikors.

e) Fuq l-ammont ta' għajnuna kkostitwit mill-injezzjoni ta' kapital

83 Skont l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kkontestata, moqri flimkien mal-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, ir-Repubblika Ellenika kellha tirkupra mingħand Olympic Airways ammont ta' EUR 41 miljun fid-dawl tal-kontribuzzjoni hekk imsemmija.

84 Peress li r-Repubblika Ellenika kienet allegat ir-rimbors ta' dan l-ammont permezz ta' operazzjoni ta' kumpens, għandu jiġi vverifikat jekk id-dokumenti prodotti jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jistabbilixxu l-eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu, skont il-prinċipji stabbiliti fil-punti 79 sa 81 ta' din is-sentenza.

85 F'dan ir-rigward, il-konvenuta b'mod partikolari ppreżentat nota tal-31 ta' Ottubru 2008, indirizzata mill-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi għall-attenzjoni ta' Olympic Airways.

86 Jirriżulta minn din in-nota li "id-dejn ta' EUR 41 085 840, li ġie kkonstatat skont il-kodiċi ta' rkupru ta' dan id-dħul ta' finanzi tal-Istat, u li jirriżulta mill-obbligu ta' ħlas lura taż-żieda ta' kapital, mogħti lill-kumpannija fid-9 ta' Ottubru 1998, kien ġie totalment imħallas (f'kapital u interessi) fil-31 ta' Awwissu 2007 permezz tal-kumpens Nru 2922, li wettaq kumpens li, altrimenti, kien ikollu jitħallas mill-amministrazzjoni fiskali lil Olympic Airways minħabba dejn tal-Istat li jidher fl-ordni għal pagament Nru 2516/31 ta' Awwissu 2007" fejn dan tal-aħħar kien inħareġ mir-Repubblika Ellenika favur Olympic Airways, għal ammont ta' EUR 601 289 003 fuq il-bażi tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ tas-6 ta' Diċembru 2006.

87 Minbarra dan, ir-Repubblika Ellenika kkonfermat, fir-rigward tal-kreditu ta' Olympic Airways miżmum minnha u li jirriżulta minn din id-deċiżjoni ta' arbitraġġ, li l-awtoritajiet nazzjonali legalment kellhom l-obbligu li jwettqu kumpens tad-djun ta' din il-kumpannija mal-ammont li kellu jitħallas lilha.

88 Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li, permezz ta' dan id-dokument, il-konvenuta ressqet il-prova ta' ħlas lura tal-ammont ta' għajnuna kkostitwit permezz tal-injezzjoni ta' kapital.

f) Fuq l-ammont ta' għajnuna li jikkonċerna t-taxxa magħrufa bħala "spatosimo"

89 Skont l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-Repubblika Ellenika kellha tirkupra mingħand Olympic Airways, b'mod partikolari, l-għajnuna kkostitwita mit-tolleranza fir-rigward tal-persistenza tan-nuqqas ta' ħlas minn din il-kumpannija tat-taxxa għall-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-ajruporti, magħrufa bħala "spatosimo", għal ammont totali ta' EUR 60 999 156 (punt 208 ta' din id-deċiżjoni).

90 Peress li l-konvenuta allegat li parti minn dan l-ammont, jiġifieri s-somma ta' EUR 22 806 158, kienet tħallset lura qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi osservat li, anki jekk dan il-ħlas lura kien seħħ qabel ma ngħatat is-sentenza

tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, f'kull każ, ir-Repubblika Ellenika ma kinitx ipprovdiet dokumenti li jistgħu jsostnu l-affermazzjoni inkwistjoni.

91 Fil-fatt, fir-rigward tal-ittra tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tat-2 ta' Ottubru 2007, li tidher fl-anness B.15 tar-risposta tar-Repubblika Ellenika, li fiha huma msemmija ħlasijiet, minn Olympic Airways, ta' ammont totali ta' EUR 22 806 186 bħala ħlas tat-taxxa magħrufa bħala "spatosimo", għandu jiġi osservat li din l-ittra tirreferi għal fatt li Olympic Airways kienet ħallset, fl-24 ta' Settembru 1999, ammont ta' EUR 3 445 793 u, fid-29 ta' Ġunju 2001, ammont ta' EUR 19 360 365.

92 Madankollu, indipendentement mill-fatt li l-ħlasijiet hekk kif allegati seħħew sew qabel il-preżentata tar-rikors fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi osservat li l-ittra msemmija iktar 'il fuq tat-2 ta' Ottubru 2007 illimitat ruħha li tikkonferma li Olympic Airways effettivament ħallset dawn l-ammonti, għalkemm din l-ittra ma tistax tikkostitwixxi prova ta' ħlas lura tal-għajnuna.

93 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ġustifikazzjonijet ta' pagament tal-ammonti msemmija fl-ittra tal-Ministeru tat-Trasport u tal-Komunikazzjonijiet tas-26 ta' Ġunju 2003, indirizzata lill-Kummissjoni u li tinsab fl-anness B.19 tar-risposta, dawn lanqas ma jistgħu jikkostitwixxu prova suffiċjenti. Fir-rigward tal-formoli ta' ħlas, maħruġa minn Olympic Airways, annessi ma' din l-ittra, għandu jiġi kkonstatat li, hekk kif osservat il-Kummissjoni, fuq ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma jidher, fil-każ korrispondenti, it-timbru tal-bank li kien irċieva l-pagament. Minbarra dan, id-dokumenti prodotti huma tax-xahar ta' Ġunju 2001 u ebda wieħed minnhom ma fih id-data tal-24 ta' Settembru 1999, data li fiha, skont l-ittra msemmija iktar 'il fuq tat-2 ta' Ottubru 2007, parti mill-ammont totali ta' EUR 22 806 158 kienet tħallset.

94 Għandu jiġi konkluż li l-Istat konvenut ma pproduċiex il-prova tar-rimbors tas-somma ta' EUR 22 806 158 fir-rigward tal-għajnuna li tikkonċerna t-taxxa magħrufa bħala "spatosimo".

95 F'dak li jikkonċerna l-ammont li jibqa' minn din it-taxxa (EUR 38 192 997), ir-Repubblika Ellenika, b'mod partikolari, ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja n-nota msemmija iktar 'il fuq tal-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi, tal-31 ta' Ottubru 2008, indirizzata lil Olympic Airways.

96 Jirriżulta mill-kliem ta' din in-nota li d-djun ta' "spatosimo" ta' Olympic Airways li kienu jikkonċernaw il-perijodu msemmi mid-deċiżjoni kkontestata "kienu tħallsu kollha fil-31 ta' Awwissu 2007 permezz tal-kumpensi Nru 2927, Nru 2928, Nru 2930, Nru 2931, Nru 2932, Nru 2933 u Nru 2940, li kkumpensaw ammont li, altrimenti, kien ikollu jitħallas mill-amministrazzjoni fiskali lil Olympic Airways minħabba dejn tal-Istat, li fir-rigward tiegħu, jidher fl-ordni ta' pagament Nru 2516/31/Awwissu 2007".

97 Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li, permezz ta' dan id-dokument, il-konvenuta pproduċiet il-prova tal-ħlas lura tal-ammont li jibqa' mit-taxxa magħrufa bħala "spatosimo".

98 Jirriżulta minn dan kollu li r-Repubblika Ellenika ma wrietx biżżejjed fid-dritt li ammont ta' għajnuna ta' EUR 22 806 158 relatat mat-taxxa magħrufa bħala "spotosimo" ġie rrimborsat minn Olympic Airways.

g) Fuq l-ammont ta' għajnuna relatat mal-kirjiet ajruportwali

99 Skont l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kkontestata, ir-Repubblika Ellenika kellha tirkupra mingħand Olympic Airways l-għajnuna kkostitwita min-nuqqas ta' pagament ta' kirjiet ajruportwali għal ammont ta' EUR 2.46 miljun (punt 206 ta' din id-deċiżjoni).

100 F'dak li jikkonċerna l-metodi ta' rkupru ta' dan l-element ta' għajnuna, ir-Repubblika Ellenika, fir-risposta tagħha, minn naħa, iddikjarat li għamlet irkupru ta' somma ta' EUR 1 818 027 u, min-naħa l-oħra, irreferiet, b'mod partikolari, għal informazzjoni pprovduta bħala tweġiba għall-opinjoni motivata, li tipprovdi li erba' fatturi, għal ammont totali ta' EUR 1 087 141, maħruġa mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, kienu s-suġġett ta' ċertu numru ta' rettifiki u ta' kumpensi.

101 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, hekk kif ġie kkonstatat mill-Avukat Ġenerali fil-punti 54 sa 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, li d-dokumentazzjoni ppreżentata mir-Repubblika Ellenika, jiġifieri l-fatturi tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, id-dokumenti rettifikattivi u l-fatturi ġodda ta' sostituzzjoni kif ukoll id-dikjarazzjonijiet dwar kumpensi bejn djun u talbiet reċiproċi ta' Olympic Airways u tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, ma jurux bil-preċiżjoni meħtieġa l-metodi ta' rimbors tal-kirjiet ajruportwali dovuti, u barra minn hekk it-tabelli pprovduti fuq dan is-suġġett jippreżentaw ċertu numru ta' inkoerenzi fir-rigward tal-ammonti ta' fatturi differenti u għall-perijodi kkonċernati.

102 B'hekk din id-dokumentazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li hija adattata sabiex tistabbilixxi l-irkupru allegat.

103 Għandha wkoll tiġi eżaminata l-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-likwidazzjoni ta' żewġ fatturi oħra tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili.

104 L-ewwel nett, fir-rigward tal-ammont ta' EUR 176 082, li jikkorrispondi għall-fattura Nru 3307/98 tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, jirriżulta mill-kliem tan-nota msemmija iktar 'il fuq tal-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi tal-31 ta' Ottubru 2008, indirizzata lil Olympic Airways, li din is-somma "kienet ġiet totalment imħallsa fil-31 ta' Awwissu 2007 permezz tal-kumpens Nru 2926 (ta' ammont totali ta' EUR 352 808 bħala ammont prinċipali u interessi), li kkumpensa ammont li, altrimenti, kien ikollu jitħallas mill-amministrazzjoni fiskali lil Olympic Airways minħabba dejn tal-Istat fir-rigward tagħha, li jidher fl-ordni għal pagament Nru 2516/31/Awwissu 2007."

105 Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li, permezz ta' dan id-dokument, il-konvenuta pproduċiet il-prova tal-ħlas lura tal-ammont ta' għajnuna msemmija iktar 'il fuq relatat ma' parti mill-kirjiet ajruportwali.

106 It-tieni nett, fir-rigward tar-rimbors ta' ammont ta' EUR 478 606, li jikkorrispondi għall-fattura Nru 4175/99 tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, għandu jiġi osservat, hekk kif ġie rrilevat mill-Avukat Ġenerali fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, li d-dokumenti prodotti mill-konvenuta fir-risposta tagħha, jiġifieri d-digriet ministerjali tat-2 ta' Ottubru 2007 li jikkonċerna l-kumpens, ittra tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili lil Olympic Airways tas-17 ta' Ottubru 2007, li tinkludi fl-anness is-sitwazzjoni ddettaljata tal-ammonti li huma s-suġġett tal-kumpens, kif ukoll ittra ta' din l-awtorità lil Olympic Airways, tad-19 ta' Ottubru 2007, li turi s-sitwazzjoni tal-kumpens skont dan id-digriet f'dak li jikkonċerna l-fattura Nru 4175/99 miżjud bl-interessi relatati miegħu, jikkostitwixxu provi suffiċjenti tar-rimbors ta' din is-somma fir-rigward tal-kirjiet ajruportwali.

107 Konsegwentement, id-deċiżjoni kkontestata ġiet implementata f'dak li jikkonċerna l-likwidazzjoni taż-żewġ fatturi msemmija iktar 'il fuq tal-awtorità tal-avjazzjoni ċivili, għal ammont totali ta' EUR 654 688.

108 Minn dawn l-elementi jirriżulta li r-Repubblika Ellenika ma wrietx biżżejjed fid-dritt li l-ammont totali ta' għajnuna relatata mal-kirjiet ajruportwali kien ġie rrimborsat minn Olympic Airways.

h) Konklużjoni

109 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li r-Repubblika Ellenika ma wrietx biżżejjed fid-dritt li parti mit-taxxa magħrufa bħala "spatosimo" (ara l-punt 94 iktar 'il fuq) u parti mill-kirjiet ajruportwali kienu tħallsu lura minn Olympic Airways (ara l-punt 102 iktar 'il fuq).

110 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-kundanna tar-Repubblika Ellenika għall-pagamenti ta' penalità tikkostitwixxi mezz finanzjarju adegwat sabiex din tiġi mħeġġa tieħu l-miżuri neċessarji sabiex ittemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat u sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni kompleta tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

B — *Fuq l-ammont tal-pagamenti ta' penalità*

1. Osservazzjonijiet preliminari

111 F' dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li hija l-Qorti tal-Ġustizzja, f'kull kawża, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, is-sanzjonijiet pekunjarji li għandhom jiġu imposti (ara s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 86, u tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, C-177/04, Ġabra p. I-2461, punt 58).

112 Għalhekk, il-proposti tal-Kummissjoni ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja u huma biss bażi ta' riferiment utli. Bl-istess mod, il-linji gwida bħal dawk li jinsabu fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda jikkontribwixxu sabiex jiżguraw it-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni mibdija minn din l-istituzzjoni (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

113 Fir-rigward tal-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din is-sanzjoni għandha tiġi stabbilita skont il-grad ta' persważjoni meħtieġ sabiex l-Istat Membru li jonqos milli jeżegwixxi sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jbiddel l-aġir tiegħu u jtemm il-ksur li jkun instab ħati tiegħu (ara s-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 91).

114 Fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha fil-qasam, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistabbilixxi l-pagamenti ta' penalità b'tali mod li dawn ikunu, minn naħa, adattati għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonati man-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll mal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat (ara s-sentenzi tal-25 ta' Novembru 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-278/01, Ġabra p. I-14141, punt 41; tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 103, u tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 61).

115 B'hekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterji ta' bażi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi żgurata n-natura impożittiva tal-pagamenti ta' penalità fid-dawl tal-applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt komunitarju huma, bħala prinċipju, it-tul tal-ksur, il-grad ta' gravità tiegħu, u l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni. Għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, konsegwenzi ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni fuq l-interessi pubbliċi u privati kif ukoll l-urġenza sabiex l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 104; tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 62, u Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, punt 39).

2. Fuq it-tul tal-ksur

116 Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina t-tul tal-ksur. Dan it-tul għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-mument li fih il-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-fatti u l-Kummissjoni tressaq il-każ quddiemha (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 71, u Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, punt 45).

117 F'dawn il-kundizzjonijiet, peress li r-Repubblika Ellenika ma setgħetx turi li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu tagħha li teżegwixxi għal kollox is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, effettivament waqaf, hemm lok li jiġi kkunsidrat li dan in-nuqqas ilu għaddej għal iktar minn erba' snin, ħaġa li tikkostitwixxi tul ta' żmien kunsiderevoli.

3. Fuq il-gravità tal-ksur

118 Fuq dan il-punt, għandha tiġi enfasizzata, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-natura fundamentali tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat.

119 Fil-fatt, ir-regoli li huma s-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata u tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, jikkostitwixxu l-espressjoni ta' waħda mill-missjonijiet essenzjali mogħtija lill-Komunità Ewropea skont l-Artikolu 2 KE, jiġifieri l-istabbiliment ta' suq komuni u l-promozzjoni ta' grad għoli ta' kompetittività u konverġenza fl-operazzjoni ekonomika. Din il-missjoni tinsab ukoll fl-Artikolu 3(1)(g) KE, li jgħid li l-azzjoni tal-Komunità tinkludi sistema li tiggarantixxi li l-kompetizzjoni fis-suq intern ma tkunx deformata.

120 L-importanza tad-dispożizzjonijiet Komunitarji miksura f'dan il-każ hija riflessa b'mod partikolari fil-fatt li, permezz tar-rimbors ta' għajnuna mill-Istat imħallsa b'mod illegali, qed tiġi eliminata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mill-vantaġġ kompetittiv miksub permezz tal-għajnuna u li, permezz ta' dan il-ħlas lura, il-benefiċjarju jitlef il-vantaġġ li huwa kien ibbenefika fis-suq meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' April 1995, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-350/93, Ġabra p. I-699, punt 22, u tad-29 ta' April 2004, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-277/00, Ġabra p. I-3925, punt 75).

121 Għandu jingħad ukoll li l-monitoraġġ tal-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-operaturi ta' trasport bl-ajru huwa ta' importanza kunsiderevoli, peress li s-suq inkwistjoni huwa, min-natura tiegħu stess, transkonfinali.

122 Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat f'din il-kawża, għandu jiġi osservat li l-ammonti ta' għajnuna li għalihom il-konvenuta ma pproduċietx il-prova ta' ħlas lura

ma jikkostitwixxux parti relattivament żgħira meta mqabbla mas-somma totali li kienet is-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata u tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

4. Fuq il-kapaċità ta' pagament tal-Istat konvenut

123 F'dak li jikkonċerna l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi mmultiplikat l-ammont ta' bażi b'koeffiċjent speċifiku applikabbli għar-Repubblika Ellenika, il-Qorti tal-Ġustizzja kemm il-darba ddeċidiet li dan il-metodu ta' kalkolu jikkostitwixxi strument adegwat sabiex tiġi riflessa l-kapaċità ta' pagament ta' dan l-Istat Membru filwaqt li tinżamm differenza raġonevoli bejn id-diversi Stati Membri (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, tal-4 ta' Lulju 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, punt 88; Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 59; tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 109, u tal-14 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 75).

5. Konklużjoni

124 Fid-dawl ta' dawk li ntqal, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità ta' ammont ta' EUR 16 000 hija adegwata.

6. Fuq id-data ta' effett u ta' perjodiċità tal-pagamenti ta' penalità

125 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti dwar in-nuqqas ta' provi relatati mal-ħlas lura ta' żewġ elementi ta' għajnuna, jiġifieri parti mit-taxxa magħrufa bħala "spatosimo" u parti mill-kirjiet ajruportwali (ara l-punti 94 u 102 ta' din is-sentenza), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat xieraq li tiddifferixxi l-effett tal-pagamenti ta' penalità

għal xahar minn meta tingħata din is-sentenza sabiex l-Istat konvenut ikun jista' juri li huwa temm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

126 Fir-rigward tal-perjodiċità tal-pagamenti ta' penalità, il-konvenuta għandha tiġi imposta pagamenti ta' penalità fuq kull ġurnata.

127 Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, ir-Repubblika Ellenika għandha tiġi kkundannata li tħallas lill-Kummissjoni, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea", penalità għal ammont ta' EUR 16 000 għal kull jum ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, minn xahar wara li din id-deċiżjoni tingħata u sal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005.

C — *Fuq l-impożizzjoni kumulattiva ta' pagamenti ta' penalità u ta' somma f'daqqa*

1. L-argumenti tal-partijiet

128 Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha timponi, f'dan il-każ, kemm il-pagamenti ta' penalità kif ukoll somma f'daqqa. Hija tqis li l-impożizzjoni ta' somma f'daqqa hija essenzjali, peress li kull nuqqas ta' eżekuzzjoni mtawla ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja toħloq dannu għall-prinċipju tal-legalità u taċ-ċertezza legali, b'mod partikolari fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. F'dan il-qasam, l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, u *a fortiori* dik ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta' implementazzjoni ta' tali deċiżjoni taħt il-forma ta' rkupru ta' għajnuna finanzjarja illegalment mogħtija, għandha tkun immedjata u effettiva.

129 Fir-rigward tal-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tosserva li din iċ-ċirkustanza mhijiex ta' natura li taffettwa l-ammont tas-somma f'daqqa stabbilit.

130 Il-Kummissjoni ssostni li s-somma proposta mhijiex eċċessiva. Fil-fatt, almenu sentejn għaddew mis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, mingħajr ma kien hemm irkupru effettiv tal-għajnuna inkwistjoni. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tammetti li l-ħlas lura tal-ammonti inkwistjoni seħħ bejn ix-xhur ta' Awwissu u ta' Ottubru 2007, irkupru ta' għajnuna li jseħħ kważi ħames snin wara d-deċiżjoni inizjali u iktar minn sentejn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jista' fl-ebda każ jiġi kkunsidrat bħala konformi mal-obbligi li jaqgħu fuq l-Istat ikkonċernat.

131 Il-Kummissjoni tispjega li hija ma bbażatx ruħha fuq il-kategoriji differenti ta' għajnuna jew fuq l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita l-gravità tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, iżda fuq l-effetti negattivi tagħha fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi u skont l-importanza tad-dispożizzjonijiet tat-trattat relatati mal-għajnuna mill-Istat. Il-fatt li iktar minn ħames snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-miżuri meħuda mir-Repubblika Ellenika xorta ma wasslux għal irkupru tal-ammonti ta' għajnuna inkwistjoni jikkostitwixxi ksur gravi tad-dritt Komunitarju.

132 F'kull każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li l-ammonti ta' għajnuna kienu ġew rimborsati, is-somma f'daqqa għandha tiġi applikata sad-data sakemm jitwettaq il-ħlas lura totali ta' dawn l-ammonti.

133 Fir-rigward tas-somma f'daqqa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni tqis li kalkolu li jibda minn ammont ta' kull ġurnata ta' EUR 200 kuljum huwa adattat għall-gravità tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u jieħu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li din is-somma tingħata effett dissważiv. Jekk dan l-ammont kellu jiġi mmultiplikat b'fattur ta' 12 relatat mal-gravità tal-ksur u b'koeffiċjent ta' 4.38, li jieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċità finanzjarja ta' dan l-Istat, tinkiseb somma ta' EUR 10 512.

134 Ir-Repubblika Ellenika tqis li, f'kull każ, l-applikazzjoni kumulattiva tas-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 228 KE hija disproporzjonata, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li s-sanzjonijiet inkwistjoni jsegwu l-istess għan, jiġifieri l-konformità tal-Istat Membru inkwistjoni u l-applikazzjoni effettiva tad-dritt Komunitarju permezz ta' pressjoni finanzjarja sabiex il-ksur inkwistjoni jintemm. Konsegwentement, il-miżuri għandhom jiġi magħżula separatament u mhux kumulattivament, skont il-bażi dwar liema miżżewġ sanzjonijiet hija l-iktar adegwata.

135 Ir-Repubblika Ellenika ssostni wkoll li l-punt ta' tluq sabiex jiġu kkalkolati s-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 228 KE għandha tkun id-data tal-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata u mhux dak tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata l-ksur.

136 Ir-Repubblika Ellenika ssostni li l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, seħħet fi żmien raġonevoli, jiġifieri sentejn wara li ngħatat u sena wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll diffikultajiet tekniċi tal-fajl u n-nuqqas ta' kollaborazzjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

137 Ir-Repubblika Ellenika ssostni li d-determinazzjoni tal-gravità tal-ksur għandha rabta diretta mal-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, peress li mill-ammont tagħha jiddependu l-konsegwenzi tal-ksur tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fuq l-interessi pubbliċi u privati. Huwa ċar li iktar ma l-ammont tal-għajnuna jkun żgħir, iktar ma r-riperkussjoni fuq it-tfixkil tal-kompetizzjoni libera fis-settur tat-trasport tal-ajru hija limitata. Konsegwentement, sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-ħlas ta' ċerti ammonti li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata kien konformi mad-dritt Komunitarju, il-gravità tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu hija minima.

138 Ir-Repubblika Ellenika żżid tgħid li s-suq intern fil-qasam ikkunsidrat ma jistax jiġi affettwat minn Olympic Airlines, peress li din ma ssostitwietx lil Olympic Airways. Fil-fatt, din l-aħħar kumpannija, li, sa mis-sena 2003, m'għandhiex iktar attivitajiet ta' titjir,

twettaq funzjonijiet biss fis-settur tal-għajnuna mill-art, u għalhekk distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport tal-ajru ma teżistix.

139 Fl-aħħar nett, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis neċessarju li tiġi imposta somma f'daqqa, ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li l-ammont propost mill-Kummissjoni huwa sproporzjonat u għandu jitnaqqas b'mod adegwat.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Fuq il-kumulu taż-żewġ sanzjonijiet

140 L-ewwel nett għandu jiġi mfakkar li l-proċedura prevista fl-Artikolu 228 (2) KE għandha bħala għan li ġġiegħel lill-Istat Membru li jkun qed jonqos milli jwettaq obbligu li jeżegwixxi s-sentenza li kkonstatat in-nuqqas u, għalhekk, tiżgura l-applikazzjoni effettiva tad-dritt Komunitarju u li l-miżuri previsti f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-pagamenti ta' penalità u s-somma f'daqqa, għandhom it-tnejn li huma l-istess għan (ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 80).

141 Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet, fil-punti 81 u 82 ta' din is-sentenza, li l-applikazzjoni ta' waħda jew ta' oħra ta' dawn il-miżuri tiddependi mill-kapaċità ta' kull waħda minnhom li tissodisfa l-għan segwit skont iċ-ċirkustanzi tal-każ u li, f'dawn il-kundizzjonijiet, mhuwiex eskluż li jsir rikors għaż-żewġ tipi ta' sanzjonijiet previsti.

142 Konsegwentement, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, f'kull kawża u skont iċ-ċirkustanzi tal-każ li jkun tressaq quddiemha, kif ukoll skont il-grad ta' persważjoni u ta' dissważjoni li

jidhrilha li jkun meħtieġ, li għandha tistabbilixxi s-sanzjonijiet pekunjarji adegwati sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni l-iktar malajr possibbli tas-sentenza li preċedentement tkun ikkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u li tipprevjeni r-ripetizzjoni ta' ksur simili tad-dritt Komunitarju (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 97, u tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, C-121/07, Ġabra p. I-9159, punt 59).

143 Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha li ġiet mogħtija lilha fil-qasam ikkunsidrat, timponi, b'mod kumulattiv, pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa.

b) Fuq ir-rilevanza tal-impożizzjoni tas-somma f'daqqa

144 Għandu jiġi mfakkar li l-impożizzjoni tas-somma f'daqqa għandha, f'kull każ, tibqa' ssir skont l-elementi rilevanti kollha li jkollhom x'jaqsmu kemm mal-karatteristiċi tan-nuqqas ikkonstatat kif ukoll mal-aġir stess tal-Istat Membru kkonċernat mill-proċeduri mibdija abbażi tal-Artikolu 228 KE (ara s-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62). F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tiddeċiedi jekk hemmx lok li timponi tali sanzjoni jew le (ara l-punt 63 ta' din is-sentenza).

145 Fir-rigward ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-elementi legali u fattwali kollha fir-rigward tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat jikkostitwixxu indikatur tal-fatt li l-prevenzjoni effettiva tar-ripetizzjoni futura ta' ksur simili tad-dritt Komunitarju hija tali li tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżura dissważiva bħal dik tal-impożizzjoni tas-somma f'daqqa. (ara s-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 69).

c) Fuq l-ammont tas-somma f'daqqa

146 Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li timponi somma f'daqqa, hija għandha, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, tiffissaha b'mod li tkun, minn naħa, adattata għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonata man-nuqqas ikkonstatat kif ukoll mal-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41).

147 Fost il-fatturi rilevanti f'dan ir-rigward jinsabu b'mod partikolari elementi bħal kemm dam jippersisti n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu wara li ngħatat is-sentenza li kkonstatatu kif ukoll l-interessi pubbliċi u privati inkwistjoni (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 114, u tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 64).

148 Iċ-ċirkustanzi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni jirriżultaw b'mod partikolari mill-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 117 sa 122 ta' din is-sentenza, dwar it-tul u l-gravità tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

149 Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li saret evalwazzjoni ġusta taċ-ċirkustanzi tal-każ billi tistabbilixxi għal EUR 2 miljun l-ammont tas-somma f'daqqa li r-Repubblika Ellenika għandha tħallas.

150 Konsegwentement, ir-Repubblika Ellenika għandha tiġi kkundannata tħallas lill-Kummissjoni, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea", is-somma f'daqqa ta' EUR 2 miljun.

VII — Fuq l-ispejjeż

151 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Ellenika tilfet, u peress li ġie kkonstatat li hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, hija għandha tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi ma adottatx, fid-data li fiha skada t-terminu mogħti fl-opinjoni motivata, il-miżuri li jwasslu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-415/03) li tikkonċerna r-rimbors tal-għajnuna kkunsidrata bħala illegali u inkompatibbli mas-suq komuni, skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/372/KE, tal-11 ta' Diċembru 2002, dwar l-għajnuna mogħtija mill-Greċja lil Olympic Airways, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-deċiżjoni u taħt l-Artikolu 228 (1) KE.**

2) **Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata li tħallas lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, fil-kont "Riżorsi propji tal-Komunità Ewropea", pagamenti ta' penalità għal ammont ta' EUR 16 000 għal kull jum ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, minn xahar wara li tingħata din is-sentenza sal-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005.**

3) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea", somma f'daqqa ta' EUR 2 miljun.

4) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem